**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 03/15(11_06_15).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Mark Busuttil - *Chairperson*, Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-4 ta' Ġunju 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti għal xogħlijiet MXR/003/2015 sa MXR/007/2015.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
10. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 11/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 12/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Awguri u Ringrazzjament tas-Servizz li tajtu lill-Komunità'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 13/2015 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Proġetti varati mill-Kunsilli Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Europe Direct Information Centre – Gozo rigward ERASMUS+ u dwar *information session* fit-2 ta' Ġunju 2015, fl-NGO Centre, Ix-Xewkija.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura (MTI) rigward stedina mill-MTI u Transport Malta lill-Kunsill għal-laqgħa ta' informazzjoni dwar it-trasport pubbliku, fl-1 ta' Ġunju 2015 fit-Tiġrija Palazz, Victoria.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura (MTI) fejn qed jinforma li l-MTI bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, il-Kunsill Malti għall-Arti bl-appoġġ ta' Mużа (Heritage Malta) qed jistiednu artisti biex jissottomettu ideat għal arti fi spazji pubbliċi, programm iffinanzjat bl-iskop li jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' xogħlijiet artistiċi fi spazji pubbliċi. Għal dan il-għan ser jiġu organizzati 2 sessjonijiet ta' informazzjoni fil-11 ta' Ġunju 2015, fil-Ministeru għal Għawdex, Victoria u fl-MTI, Floriana.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 28/2015 – 'Konferenza Proġett E2STORMED'. Il-Kunsill ġie mistieden għall-konferenza li ser tiffoka fuq l-ilma tax-xita u l-isfidi li niffaċjaw minħabba l-influss tiegħu ġewwa t-toroq, fit-12 ta' Ġunju 2015 fil-Lukanda Corinthia Palace, Attard.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-LEAP! Project, Gozo LEAP Centre, Ministry for the Family and Social Solidarity rigward 'Gozo Regional Development Network: Invitation to the General Assembly', fl-4 ta' Ġunju 2015 fl-Arka Respite Centre, Għajnsielem.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Climbing Association rigward 'Pathways for rock climbing areas'.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The President's Foundation for the Wellbeing of Society rigward 'Invitation to the President's Foundation Family and Child Forum' fit-8 ta' Ġunju 2015, f'MCCF Premises Gozo, Victoria.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Active Ageing Unit rigward *seminar* organizzat mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità u l-Active Ageing Unit bil-kollaborazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bit-tema 'Encouraging dementia-friendly communities, especially for public places and services by older persons'. Dan is-*seminar* ser isir f'ħames Kunsilli Lokali, wieħed f'kull Reġjun, mit-12 ta' Awwissu sat-30 ta' Settembru 2015.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Cultural Activities Information Seminars'. Il-Kunsill ġie mistieden għat-*training session* fit-12 ta' Ġunju 2015, fil-Ministeru għal Għawdex.

2.13 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-51 laqgħa u l-Minuti tal-50 laqgħa li saret fid-29 ta' April 2015 ta' dan il-Kumitat, *draft copies* tal-istreet *lighting devolution agreement* u l-mozzjoni tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat – Città Victoria kif ukoll kopja ta' Memo Nru 7/2015 'Laqgħat tar-Reġjuni' minħabba li f'din il-laqgħa għandhom jiġu preżentati l-ismijiet tal-membri sostituti li ser ikunu mitluba jattendu għal-laqgħat tar-reġjun fl-assenza tas-Sindki, sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva Mistoqsija Parlamentari li saret lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali sabiex jagħti raġuni għaliex fix-Xlendi, il-parti tal-Port fejn hemm l-istatwa ta' Sant'Indrija ma ġietx organizzata sew biex ikun hemm ordni mis-sidien tad-dgħajjes li jpoġġu d-dgħajjes tagħhom f'din l-*area*. Min-naħa tiegħu l-Kunsill il-ġdid kien diġà beda t-taħditiet ma' entitajiet ikkonċernati fuq din il-materja.

3.02 Il-Kunsill irċieva informazzjoni mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward permessi ta' mwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment tal-ikel The Boathouse.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Communications Authority rigward l-iskema Web Check għall-Kunsilli Lokali. L-għan ta' din l-inizjattiva huma li jtejjeb il-preżenza *on-line* tal-Kunsill u l-istrateġija tal-*internet*. Jekk il-Kunsill ikun interessat, espert fl-*e-business* jiġi assenjat sabiex jistudja s-sitwazzjoni tal-Kunsill u jagħti r-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill sabiex l-affarijiet jitjiebu. Il-Kunsill kien ser japplika.

3.04 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA rigward 'Break Time from Excavation and Demolition Works'. Il-MEPA flimkien mal-MTA qed jinfurmaw li ma jistax isir skavar u twaqqigħ ta' bini bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2015. Din il-miżura qed tapplika għax-Xlendi kollu.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex fejn talbu konferma mingħand il-Kunsill jekk id-deċiżjoni meħuda qabel l-elezzjoni dwar Triq il-Mitħna Sotterranja hux qed tiġi kkonfermata mill-Kunsill il-ġdid. Kien hemm qbil li din id-deċiżjoni tal-Kunsill l-ieħor tiġi kkonfermata.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumpanija GO rigward *payphones* li huma installati fil-lokalità tagħna. Qed inkunu infurmati li dawn il-*payphones* permezz tal-*cards* ser jitneħħew għaliex l-użu tagħhom naqas konsiderevolment:

- *payphone* ta' Triq it-Tempju Megalitiku, Il-Munxar
- oħra ta' Triq San Xmun, Ix-Xlendi, u
- tlieta oħra fil-*Parking* tax-Xlendi

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta ta' Triq San Pawl, Il-Munxar. Hija qed tirreferi għall-*e-mails* preċidenti rigward xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ f'passaġġ li jagħti għall-*area* fejn isir tixbit mal-blat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li xi jiem ilu kienet saret talba lit-Taqsima tas-CMU sabiex il-ħaddiema jerġgħu jintbagħtu jkomplu x-xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ.

3.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA biex tinforma lill-Kunsill li saret proposta għal żvilupp għal post ta' sular fi Triq il-Munxar, viċin Ġnien Ragalna bin-numru PA/01862/15. Il-Kunsill kien ser jitlob għall-pjanti u ser jikteb lil-Land Department biex ikun żgurat li l-bini ma jidħolx fuq art pubblika.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 03/15(11_06_15).

**5.00 Offerti għal xogħlijiet MXR/003/2015 sa MXR/007/2015.**

5.01 Is-Sindku staqsiet lill-membri tal-Kunsill jekk hemmx xi ħadd li għandu xi interess prekunjarju, dirett jew indirett, f'xi proposta ta' dawn l-offerti li ser jiġu diskussi. Ma kien hemm ħadd u għaldaqstant intalbu jiffirmaw id-*Declaration of Impartiality and Confidentiality*.

5.02 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta MXR/003/2015 - *Service of Street Sweeping in an environmentally friendly manner*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-25 ta' Mejju 2015 u nstabu żewġ offerti:

1. John Gauci - Ix-Xlendi - €27,490
2. Nicholas Zammit - Il-Munxar - €11,383
   Ix-Xlendi - €31,851

Għas-sena 2015 knis fil-Munxar u Ix-Xlendi ser jiġi jiswa €11,383 u €27,490 li jiġu €38,873. Din l-offerta qed teċċedi l-*budget* u ma hijiex ser tingħata.

5.03 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta MXR/004/2015 - *Service of Refuse Collection in an environmentally friendly manner*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-25 ta' Mejju 2015 u nstabu żewġ offerti:

1. Euro Clean Waste Services
2. KIP Gozo Ltd

Il-Kumpanija Euro Clean Waste Services għamlet *bid-bond* b'ammont inqas minn dak li kien mitlub fid-dokument tat-*tender*. Wara li l-Kunsill ħa parir legali, din it-*tender* ġiet miċħuda. Il-Kunsill kien ser jiċċekkja l-offerta l-oħra qabel ma' tiġi rrakkomandata li tintgħażel.

5.04 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta MXR/005/2015 - *Works Tender for the upgrading and rehabilitation of a path at Ix-Xlendi Bay*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-25 ta' Mejju 2015 u nstabu tliet offerti:

1. Joe Cauchi - €25,947.32
2. Jason Gauci - €12,362.86 - *Option* 1
   €14,911.66 - *Option* 2
3. Joseph Mercieca - €25,506.76

Il-Bord tal-Evalwazzjoni ltaqa' fis-26 ta' Mejju 2015 sabiex jiddiskuti din l-offerta u rrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta tingħata lil Jason Gauci għal *Option* 2 għall-prezz ta' €14,911.66 minħabba li hija l-orħos offerta li għandha l-materjal importat f'Malta minn barra u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li l-offerta tingħata lil Jason Gauci għal *Option* 2 għall-prezz ta' €14,911.66 minħabba li hija l-orħos offerta li għandha l-materjal importat f'Malta minn barra u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

5.05 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta MXR/006/2015 - *Supply, delivery and installation of environmentally friendly Planters and Benches at Ix-Xlendi, Gozo*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-25 ta' Mejju 2015 u nstabu tliet offerti:

1. Dimech Enterprises Ltd - *Lot* 1 - € 2,446.50
   *Lot* 2 - €22,673.70
   *Lot* 3 - € 3,675.00
2. Rapa Showroom Co. Ltd - *Lot* 1 - € 8,186.25
   *Lot* 2 - €23,455.42
   *Lot* 3 - € 5,929.38
3. Green Skip Services Ltd - *Lot* 1 - € 6,512.18
   *Lot* 2 - €55,151.78
   *Lot* 3 - € 7,046.25

Il-Bord tal-Evalwazzjoni ltaqa' fis-26 ta' Mejju 2015 sabiex jiddiskuti din l-offerta u rrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta tingħata lil Dimech Enterprises Ltd għall-prezz ta': *Lot* 1 - €2,446.50; *Lot* 2 - €22,673.70 u *Lot* 3 - €3,675.00 minħabba li hija l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li l-offerta tingħata lil Dimech Enterprises Ltd għall-prezz ta' *Lot* 1 - €2,446.50; *Lot* 2 - €22,673.70 u *Lot* 3 - €3,675.00 minħabba li hija l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet. Il-Kunsill kien ser jordna 5 *planters* aktar minn *Lot* 1 u 10 bankijiet aktar minn *Lot* 3.

5.06 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta MXR/007/2015 - *Pedestrianising Il-Munxar's Village Square*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-25 ta' Mejju 2015 u ma kien hemm l-ebda offerta.

## 6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.

6.01 Inbeda ż-żebgħa mal-art fil-Munxar u Ix-Xlendi. Beda x-xogħol ta' żebgħa tar-*railing* fi Triq San Xmun. Il-Kunsill ingħata ħaddiem mill-iskema Community Work Scheme fejn ġie assenjat sabiex jiknes fit-toroq tax-Xlendi. Fil-*Parking* tax-Xlendi ġie installat WiFi mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jintuża b'xejn mill-pubbliku. Ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex qegħdin ibiddlu l-*fittings* tal-ilma li hemm fiż-żewġ latrini tax-Xlendi u tneħħew il-bibien tax-*showers* peress li dawn ix-*showers* kienu qed jintużaw minn residenti privati. Saret trinka qrib l-istabbiliment tal-ikel Churchill sabiex jinxtegħlu żewġ fanali fil-viċin max-xtajta. Fix-Xlendi, fi Triq ir-Rabat beda jinkesa ħajt bil-gagazza.
Fil-Munxar qed jitkompla l-proġett ta' Triq Żgħawri, bil-bini ta' ħitan tas-sejjieħ u kisi ta' wiċċ it-triq bit-tarmak.

## 7.00 Rapport tas-Sindku.

7.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-*fairy lights* tax-Xlendi ser jerġgħu jsiru max-xtajta u fi Triq ir-Rabat.
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa organizzata mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar attivitajiet li jistgħu jsiru mill-Kunsilli Lokali. Attendew ukoll għal-laqgħa ma' Trasport Malta dwar ir-rotot il-ġodda f'Għawdex.
Saret laqgħa mas-Sur Giovanni Zammit ta' Wirt Għawdex rigward ir-restawr tal-istatwa ta' Sant'Indrija tax-Xlendi.
Saret laqgħa mas-Sur Norman Mifsud mill-Kumpanija ELC rigward *pots* fil-Pjazza tal-Knisja u *landscaping* fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u l-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957.
Is-Sindku ltaqgħet ma' uffiċjali tal-MTA u Sanità dwar l-iskips u l-ilmenti fuq żibel fil-*Parking* tax-Xlendi.
Is-Sindku kellmet lill-familja tal-Professur Ġużè Aquilina rigward il-mafkar li ser isir fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina, Il-Munxar.
Is-Sindku attendiet għal-laqgħa dwar l-iskema ta' 'Art in Public Spaces' fejn ser tingħata s-somma sa massimu ta' €30,000 biex titranġa art pubblika.

7.02 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kien hemm żewġ riżenji mill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Hija rringrazzjat liż-żewġ membri tal-konribuzzjoni li taw għall-ġid tal-lokalità. Fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ser jintgħażlu żewġ membri oħra.

## 8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-mitħna sotterranja tax-Xlendi ser jiġġedded id-devoluzzjoni għal 15-il sena minflok it-tliet snin tas-soltu. Dan qed isir minħabba li din l-istess mitħna ġiet irranġata minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv beda jispjega dwar is-sitwazzjoni tat-Torri tax-Xlendi.
It-Torri tax-Xlendi ngħata lill-Kunsill Lokali u Din l-Art Ħelwa b'*encroachment* u l-kuntratt bejn il-Land Department, Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill ġie ffirmat fis-6 t'Awwissu 2009. Fit-23 t'Ottubru 2010 ġie ffirmat kuntratt għal tliet snin bejn il-Kunsill u Din l-Art Ħelwa sabiex jiġi kkreat Ix-Xlendi Tower Management Committee. Saru diversi laqgħat ta' dan il-kumitat imma ta' spiss kien ikun hemm disgwid bejn il-membri u għal din ir-raġuni r-riżultat ma kienx dak mixtieq. Fil-laqgħa li saret fis-26 ta' Ġunju 2014 bejn is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv u l-President u Segretarju ta' Din l-Art Ħelwa tqajjem il-punt li l-uniku sors ta' *funding* sabiex jitranġa t-torri kien minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Sabiex jinġiebu l-fondi, it-torri jrid jingħata *b'sole title* (*Deed of Guardianship*).
Għal din ir-raġuni l-Kunsill intalab jiddeċiedi dwar il-pass 'il quddiem fuq din il-materja.
Ġie deċiż li l-Kunsill wara li jinforma lil Din l-Art Ħelwa jitlob sabiex it-Torri tax-Xlendi jingħata b'*sole title* (*Deed of Guardianship*) lill-Kunsill.

8.03 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva stima mingħand l-ELC sabiex isir xogħol ta' *landscaping* fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina, fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 u r-*roundabout* ta' Triq Dun Spir Gauci. Ix-xogħol ser ikun jikkonsisti fi żbir, ħart tal-ħamrija, taħwil ta' ward għal erba' darbiet fis-sena u tisqija. L-ammont mitlub huwa ta' €1,156.40 fis-sena. Kien hemm qbil dwar dan.

8.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill kellu jibgħat ittra lil Eagle Security Systems rigward apparat li twaħħal fil-mitħna sotterranja u li ma huwiex jiffunzjona. Din l-ittra kellha ssir aktar minn xahrejn ilu u jekk din l-ittra ma hijiex ser issir immedjatament ser jiskadi ż-żmien tal-garanzija tal-apparat. Il-Kunsill kien ser jerġa' jkellem lill-Avukat dwar dan.

8.05 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jaħtar il-Bord tal-Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti MXR/008/2015 u MXR/009/2015.

Ġie deċiż li l-bord ser ikun kompost minn:

Carmen Said – *Chairperson*
Anthony Grech – Segretarju tal-Bord
Robert Mallia – Membru
Mark Busuttil – Membru
William Sultana – Membru

Perit William Lewis – Konsulent Tekniku

Il-bord ser jiltaqa' fil-15 ta' Lulju 2015, fit-3.00 ta' waranofsinhar sabiex issir l-ewwel laqgħa tal-bord.

**9.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

9.01 Is-Sinjorina Sonja Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm xi lampi mal-*boathouses* li ma humiex jixegħlu u li s-*swimming zone* saret iżgħar minn tas-soltu. Hija attendiet għal *seminar* dwar ERASMUS u ieħor organizzat mill-Community Chest Fund rigward nuqqasijiet soċjali fil-lokalitajiet.
Il-lampi ser jitranġaw u ser jiġi ċċekkjat għal liema raġuni s-*swimming zone* ċċekknet.

9.02 Is-Sur Robert Mallia talab lill-Kunsill sabiex jikkonsidra talba li saret biex titwaħħal lampa ġdida fi Triq il-Kalkara tal-Ġir.
Din il-lampa ser tiġi ordnata.

9.03 Is-Sur Paul Curmi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-Munxar hemm diversi tabelli li l-ktiba fuqhom tħassret. Fi Triq Ras il-Bajjada hemm diversi ħitan tas-sejjieħ imwaqqgħin u l-bankina ta' Triq Kolaċi qed timtela bil-ħaxix ħażin.
It-tabelli diġà ġew ordnati u l-ħitan tas-sejjieħ ser jinbnew mill-ħaddiema tas-CMU.

9.04 Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-bozza mal-islipway tax-Xlendi għadha ma saritx. Residenti ta' Triq il-Munxar qed jilmentaw li għandhom l-ilma tal-*main* kollu sadid għaliex hemm il-bżonn li jindibel il-*main* tal-ilma. Għad baqa' xi slielem tal-baħar li ma twaħħlux u hemm bżonn li d-dgħajjes fil-*boatyard* jiġu allokati mill-ġdid. Hemm xi ħaxix ħażin fi sqaq fi Triq Ta' Marżiena u għandu bżonn li jitnaddaf. Fi Triq il-Qsajjem hemm bir ġo għalqa li l-bokka tiegħu ma hijiex mgħottija. Hemm xi tabelli fi Triq Ras il-Bajjada li nkitbu messaġġi politiċi fuqhom.

Dwar il-bozza, il-Kunsill kellem lill-Inġinier tad-dawl u għandu jmur jara. Dwar sadid fil-*main* tal-ilma, il-Kunsill kien ser ikellem lill-WSC. Slielem qed jitwaħħlu *by rotation* meta jitwaħħlu ta' bajjiet oħra. Dwar il-*boatyard* kien hemm *Parliamentary Question* u diġà ġie diskuss dan il-punt fl-ilment 3.01 u l-ħaxix ta' sqaq fi Triq Ta' Marżiena kien diġà nqata'. Il-bir huwa ġo għalqa privata iżda huwa kważi mimli bit-terrapien. Il-Kunsill kien ser jara dwar tabelli li tħażżeż messaġġ politiku fuqhom.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2015, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Carmen Said** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |